# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


## Seduta numru 12 tas-7 Leġislatura
## Illum l-Erbgħa 29ta' Jannar 2014

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 11 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

*Is-Seduta Numru 12 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2014, fuq din l-aġenda :*

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ġieħ l-Imġarr 2014
5. Rapporti tal-Perit dwar it-Tender tal-Bankina ta' Triq Fisher u tax-xogħol tal-PPP
6. Performance Appraisal tal-istaff
7. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Elaine Vella kienet skużata.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

## 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Korrispondenza mingħand Iona Muscat ta' Heritage Malta fejn ġie ikkonfermat li il-Kunsill kien ser jirċievi is-servizz ta' gwida kif ukoll dħul b' xejn fit-tempji preistoriċi matul iż-żjara tad-delegazzjoni minn Lagosanto is-Sibt ta' wara.

2.4 Korrispondenza mir-Reġjun tat-Tramuntana dwar is-servizz ta' Eco Wardens.

2.5 Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-offerti tas-servizz ta' online streaming. Wara dan, ser ikun qed isiru laqgħat mal-fornitur tas-servizz biex jintalbu kjarifiki.

2.6 Korrispondenza minn Transport Malta dwar l-unloading bay fi' Triq Fisher kantuniera ma' Triq San Pietru. Il-Kunsill hu tal-ħsieb li ssir laqgħa mas-sidien tal-ħwienet bil-parteċipazjoni ta' uffiċċjal minn Transport Malta sabiex jiġi esplorat l-aħjar titjieb possibbli.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Paul Vella informa li kienet tressqet talba mill-iskola Primarja, sabiex il-Kunsill jirranġa il-bankina fejn hemm ir-rampa għall-ġol-iskola minħabba problemi meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ix-xogħol isir mill-iskola u l-Kunsill jinvolvi ruħu finanzjajament.

3.2 Eman Vella informa li il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni għall-proġett tiegħi relatat mal-miżura 313 - Encouragement of Tourism Activities (2nd Call). Permezz ta' dan, il-Kunsill ser ikun qed jirċievi sa massimu ta' €139,298.54 f' fondi għall-proġett tiegħu ta' Heritage Trail fil-lokalita'.

## 4. Ġieħ l-Imġarr

4.1 Clayton Gauci kkonferma li il-banda tal-Imġarr kienet infurmat u kkonfermat li ma kinitx ser tieħu sehem fl-attivita' ta' Ġieħ l-Imġarr.

4.2 Clayton Gauci ta' rendikont tax-xogħol li kien tlesta s' issa fuq preparamenti għall-din is-serata u dak li kien għad fadal x' isir. Semma wkoll li kienu tħabbru iż-żewġ preżentaturi : Michale Galea u Jeremy Debono.

4.3 Peress li dak in-nhar stess kienu jgħalqu in-nomini għall-għotja tal-Ġieħ, il-Kunsill fetaħ in-nomini u sab li kien hemm numru konsiderevoli ta' nominazzjonijiet. B' kollox, il-Kunsill irċieva 11 -il nominazzjoni u 3 nominazzjonijiet għall-Unur taż-Żgħażagħ.

4.2 Wara li nqrat kul nominazzjoni u ġiet miflija fid-dettall, kif ukoll meta ġew eliminati xi nominazzjonijiet li ma kienux in regola mal-kriterji stabiliti tan-nominazzjonijiet, u wara li ingħataw punti għall-kull nominazzjoni, il-Kunsill iddeċieda unanimament li jagħti dawn il-premjijiet:

*Ġieħ l-Imġarr:*
Is-Sinjorina Gaia Cauchi u Dame Francoise Tempra.

*Rikonoxximent:*
Fundaturi tal-Maratona Sports u is-sur Patrick Ebejer.

*Rikonoxximent lill-Ex-Kunsilliera:*
Is-Sinjura Maria Said u is-Sur Giovann Gatt.

*Unur taż-Żgħażagħ*
is-Sinjorina Elaine Vella

## 5. Rapporti tal-Perit dwar it-Tender tal-Bankina ta' Triq Fisher u tax-xogħol tal-PPP

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq 2 rapporti tal-Perit, wieħed dwar ix-xogħol li sar fit-toroq tal-PPP u l-ieħor dwar l-offerti għax-xogħol fuq il-bankina ta' Triq Fisher.

5.2 Dwar ix-xogħol li sar fir-resurfacing tat-toroq tal-PPP, il-Perit iċċertifika li ix-xogħol sar skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-ftehim u għalhekk il-Kunsill seta' jgħaddi biex jibda' bil-pagamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li kif kien mifthiem, il-pagamenti kellhom isiru 60% immedjatament, 20% wara l-ewwel sena u 20% wara it-tieni sena. Il-Kunsill iddeċieda li jiffrex fuq aktar minn pagament wieħed l-ewwel trance ekwivalenti għas-60% ta' pagament totali. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jinforma lill-Kuntrattur dwar dan.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

5.3 Dwar l-offerti tal-bankina ta' Triq Fisher, il-Perit rrapporta li l-offerta ta' Adam Bugeja Paving Services Ltd. tirrispetta l-obligazzjonijiet kollha rikjesti mis-sejħa u kienet ukoll l-aktar waħda vantaġġjuża. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jinforma lill-kuntratturi dwar dan.

## 6. Performance Appraisal tal-istaff

6.1 Sar l-assessjar tax-xogħol tal-istaff, kemm dawk klerikali kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv.

6.2 Iż-żewġ ħaddiema klerikali ingħataw 6% bħala bonus għax-xogħol tagħhom matul l-2013.

6.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li is-Segretarju Eżekuttiv jingħata bonus ta' 9% għall-ħidma tiegħu ta' matul l-2013. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsill ta' dan.

## 7. Affarijiet Mixxelanji

7.1 Elizabeth Ebejer ressqet proposta li il-grawnd ta' quddiem il-bini tal-Kunsill jospita numru ta' stands li jbiegħu prodotti ta' artiġjanat u biedja mil-lokalita' matul tmiem il-ġimgħa. Il-Kunsill iddiskuta u għalkemm ra li din il-proposta titlob impenn u xogħol li għalissa mhux faċli issir, ma jeskludix li din titwettaq aktar 'il quddiem.

7.2 Is-Sindku ħabbar li kien hemm proposta ta' laqgħa mal-Wasteserv dwar proġett ta' immaniġġjar ta' skart organiku u kif dan jista' jitwettaq.

## Aġġornament

Is-Seduta ntemmet fid-9:35pm u ġiet aġġornata għal-Hamis 20 ta' Frar 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku